# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT Dr Michael Mallia LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2000**

Citazzjoni numru 199/98MM

Irene Vella

-vs-

Anthony Vella

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fid-9 ta' Ottubru 1998 fejn wara li premettiet illi hija zzewget lill-konvenut fl-24 ta' Settembru 1994 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.

Illi sa mill-bidu nett kien jidher car li dan ma kienx zwieg seren, u l-konvivenza fil-hajja matrimonjlai saret impossibbli tant li l-kontendenti sseparaw bonarjament u llum qeghdin jghixu separatament minn xulxin. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tas-26 ta' Jannar 1994 giet stabbiilta bejniethom is-separazzjoni legali.

Illi hemm lok li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti jista' jigi annullat peress illi l-kunsens moghti miz-zewg kontendenti kien vizzjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga, jew dwar id-drittijiet u obbligi essenzjali taghha, kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Tghid ghalhekk ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti li gie ccelebrat fl-24 ta' Settembru 1994 null u bla ebda effett legali minhabba li l-kunsens moghti miz-zewg kontendenti kien vizzjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga jew dwar id-drittijiet u obbligi essenzjali taghha, kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi huwa jaqbel li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u daqstant ma hux jikkontesta t-talba attrici.

2. Illi huwa pero' huwa ma jaqbilx li ghandu jbati xi spejjez u dan billi r-ragunijiet li wasslu ghal din in-nullita' ma humiex attribwibbli lilu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza:

Ikkunsidrat:

Illi l-provi li gew prodotti f'din il-kawza huma limitati ghax-xhieda moghtija mill-attrici u dik moghtija mill-konvenut. Il-konvenut f'din il-kawza iddikjara illi huwa jaqbel illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u daqstant mhux qieghed jikkontesta t-talba ta' l-attrici. B'daqshekk ma jfissirx illi l-Qorti ghandha awtomatikament tilqa' t-talba bhalma taghmel f'kawzi ohra.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 "Tonna vs Tonna", il-Qorti qalet illi f'kawza ta' annullament taz-zwieg il-Qorti ma tridx toqghod fuq l-ammissjoni tal-konvenut, izda jrid jirrizultalha sodisfacentement illi jezisti verament ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg.

Fuq dan il-bazi l-Qorti sejra tikkonsidra din il-kawza fl-isfond tax-xhieda moghtija mill-partijiet. Kif kien mistenni l-partijiet jaghtu verzjonijiet differenti ghall-kawza tal-falliment taz-zwieg. L-attrici, pero' mhix qed tikkontesta l-fatt illi meta izzewget ma kellha l-ebda interess fil-konvenut. U tant hu hekk illi kienet qed tarah zejjed anke fir-rapport sesswali illi kien ikun hemm bejniethom.

Il-konvenut filwaqt illi jikkonferma dan jaghti hafna iktar dettalji ghal ragunijiet ta' dan il-falliment. Mhux hekk biss imma jasal biex jattribwixxi din il-kawza purament ghall-attitudni ta' l-attrici li tidher wahda sfrattata u bl-ebda impenn ghal dik illi hija hajja mizzewga.

Jidher illi l-partijiet jaqblu illi l-attrici ma kellha l-ebda hsieb illi jkollha ulied. Il-konvenut jirrakkonta d-diffikultajiet illi kien ikollu biex jikkonvinci lil martu ikollha x'taqsam mieghu, waqt illi l-attrici issemmi l-averzjoni illi kien ikollha kull darba illi jkollha x'taqsam ma' zewgha. Din l-averzjoni tista' tkun kawza wahedha ta' annullament.

Gie deciz f'"Cassar vs Cassar" mill-Prim'Awla fit-30 ta' Lulju 1992 illi meta parti jkollha averzjoni lejn att sesswali minhabba phobia mhux bazata fuq ragunijiet logici ifisser illi dina kienet emozzjonalment mhux stabbli u din il-kundizzjoni newrotika kienet izzommha milli taqdi d-doveri taghha ta' mara mizzewwga.

Fil-waqt illi din il-Qorti lesta tikkoncedi illi forsi l-attrici ma waslitx f'dan l-istat, zgur illi lejn il-konvenut personalment kellha din l-averzjoni relattiva li kienet timpediha milli tezercita d-doveri taghha konjugali. Dana apparti l-fatt illi z-zwieg taghhom ma kien jidher xejn stabbli, bl-attrici tiehu hsieb id-dar jew taqdi dawk id-doveri l-ohra mill-inqas u aktar tippreferi tmur ghand ommha biex issib kollox lest milli taghmel xi haga d-dar taghha.

Apparti dan, il-konvenut isemmi l-infedelta' ta' martu kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg u jsemmi incident f'Marsalforn, fejn jghid illi raha niezlha Marsalforn u mar isegwiha u wara indagni li ghamel sab illi l-helmet tal-mutur u c-cwievet taghha kienu qeghdin fi flat illi kien abitat minn terz.

Dan il-fatt wahdu m'huwiex bizzejjed biex jipprova adulterju min-naha ta' l-attrici. Biss mix-xhieda taghha, fil-waqt illi taghmel enfasi kbir fuq in-nuqqas ta' interess sesswali li kellha ghal zewgha ma ssemmi xejn aktar u ghalhekk ma jistax jinghad illi gie pruvat illi l-attrici qatt ma kellha l-intensjoni li tibqa' tghix fidilha lejn zewgha, sew qabel kemm wara iz-zwieg. Zgur pero' li l-attrici ex admissis tghid illi hija ma riditx illi jkollha tfal. Dana huwa kkonfermat minn zewgha fejn jaghmel dan il-punt verament car. F'decizjoni moghtija mill-Prim'Awla fit-30 ta' Marzu 1995 inghad illi l-esklussjoni posittiva ta' l-ulied minn parti wahda tikkostitwixxi ragunijiet ghall-azzjoni ta' annullament.

Il-Qorti hija sodisfatta illi f'dan il-kaz jezistu ragunijiet bizzejjed ghall-annullament ta' dan iz-zwieg, liema ragunijiet pero' huma principalment attribwiti lill-attrici peress illi kienet affettwata minn difett serju ta' deskrizzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga, jew dwar id-drittijiet u obbligi essenzjali taghha.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attrici, tiddikjara iz-zwieg bejn il-kontendenti li gie cellebrat fl-24 ta' Settembru 1994, null u bla effett, minhabba li l-kunsens moghti mill-attrici kien vizzjat minn difett serju ta' deskrizzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga jew dwar id-drittijiet u l-obbligi essenzjali taghha, kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghall-attrici li taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

vera kopja

Ghar-Registratur